MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tad-9 ta' Diċembru, 2014

Citazzjoni Numru. 971/2014

**Daniel Farrugia**

**vs**

**Darren Casha**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq bil-proċedura sommarja speċjali fl-4 ta' Novembru 2014, li bih l-attur, għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti (i) tipproċedi bid-dispensa tas-smigħ skont l-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) tiddikjara li s-somma ta' tliet mija u ħamsin elf euro (€350,000.00), rappreżentanti self *brevi manu* hija dovuta mill-konvenut lill-attur; u (iii) tikkundanna lill-konvenut biex iħallas

lill-attur l-imsemmija somma ta' tliet mija u hamsin elf Ewro (€350,000.00). Talab ukoll il-ħlas tal-imgħax u l-ispejjeż.

Rat illi l-atti tar-Rikors Maħluf ġew debitament notifikati lill- konvenut.

Eżaminat l-atti tal-kawża.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2014 Dr. James D'Agostino għall-konvenut ippreżenta nota ta' ammissjoni li kienet iffirmata wkoll mill-istess konvenut.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ippruvati.

**Il-Qorti għalhekk taqta' u tiddeċidi billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba tal-attur u taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ;**
2) **Tilqa' t-tieni u t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut biex iħallas lill-attur is-somma ta' tliet mija u ħamsin elf euro (€350,000.00), bl-imgħaxijiet relattivi skont il-liġi mill-11 ta' Novembru 2014 sad-data tal-pagament effettiv;**

3) **Tikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Dr. Lawrence Mintoff LL.D.**

**Imħallef**

**Frederick Stagno Navara**

**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM------------------------------**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------